

Brussell, 20 ta' Mejju 2022  
(OR. fr)

9003/22

ENV 417

**NOTA PUNT "I/A"**

|                |                                                                                                                                                                                                        |
|----------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:          | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                                                                       |
| lil:           | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill                                                                                                                                                          |
| Nru dok. Cion: | 7733/22 + ADD 1                                                                                                                                                                                        |
| Suġġett:       | Deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' XXX li tistabbilixxi l-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE għall-materjal għat-tkabbir u t-tejjieba tal-ħamrija<br>- Deċiżjoni li ma jkunx hemm oppożizzjoni għall-adozzjoni |

1. Peress li l-miżuri previsti huma f'konformità mal-opinjoni tal-kumitat rilevanti, il-Kummissjoni ppreżentat l-abbozz ta' miżuri msemmija hawn fuq<sup>1</sup> lill-Kunsill għal skrutinju, f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 5 *bis*, paragrafu 3, punt a), tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE<sup>2</sup>.

<sup>1</sup> 7733/22 + ADD 1 - D079976/01 + Anness.

<sup>2</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li ttiprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni (ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23), kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent eżamina l-abbozz ta' miżuri permezz ta' proċedura informali bil-miktub u qabel li ma hemm l-ebda raġuni biex il-Kunsill jopponi l-adozzjoni tagħhom<sup>3</sup>.
3. Għalhekk, is-Segretarjat Ġenerali jissuġġerixxi li l-Coreper jirrakkomanda li l-Kunsill jikkonferma li ma hemm l-ebda raġuni biex jopponi l-abbozz ta' miżuri. Dan jimplika li, sakemm il-Parlament Ewropew ma jopponihomx, il-Kummissjoni tista' tadotta l-miżuri proposti f'konformità mal-Artikolu 5 *bis*, paragrafu 3, punt d), tad-Deċizzjoni tal-Kunsill 1999/468/KE.

---

<sup>3</sup> L-Artikolu 5 *bis*, paragrafu 3, punt b), jipprevedi li l-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jopponi l-adozzjoni ta' dawn il-miżuri għar-raġuni li dawn jeċċedu s-setgħat ta' implimentazzjoni previsti fl-istrument bażiku, mhumiex kompatibbli mal-għan jew il-kontenut tal-istrument bażiku jew mhumiex konformi mal-prinċipji tas-sussidjarjetà jew tal-proporzjonalità.